32006R1785

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) 1785/2006

ta' l-4 ta' Diċembru 2006

li jistipula r-regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2007 taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, Protokoll jew arranġamenti oħra, jew minn regoli ta' importazzjoni speċifiċi tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) u (6) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 stabbilixxa restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi biex jiġu allokati fuq bażi ta' min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

(2) Taħt dak ir-Regolament huwa possibbli, li f'ċerti ċirkustanzi, jintużaw metodi oħra ta' allokazzjoni, biex jinqasmu l-kwoti f'qatgħat, jew biex jiġi riżervat proporzjon ta' limitu kwantitattiv speċifiku esklussivament għall-applikazzjonijiet li huma sostnuti mill-evidenza tar-riżultati tar-rendiment ta' l-importazzjoni fl-imgħoddi.

(3) Ir-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti stabbiliti fl-2007 għandhom jiġu adottati qabel ma tibda s-sena tal-kwota biex b'hekk il-kontinwità tal-kummerċ tibqa' għaddejja u ma tiġix affettwata għalxejn.

(4) Il-miżuri adottati fis-snin ta' qabel, bħal dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2038/2005 li jistabbilixxi r-regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2006 taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 [2], urew li huma sodisfaċenti u għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati regoli simili għall-2007.

(5) Sabiex jissodisfa l-akbar numru possibbli ta' operaturi huwa xieraq li l-metodu ta' allokazzjoni ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel", għandu jsir iktar flessibbli billi jitpoġġa l-ogħla limitu fuq il-kwantitajiet li jistgħu jiġu allokati lil kull operatur b'dak il-metodu.

(6) Biex jiġi garantit grad ta' kontinwità fil-kummerċ u amministrazzjoni effiċenti tal-kwota, l-operaturi għandhom jitħallew jagħmlu l-ewwel applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għall-2007 ekwivalenti għall-kwantità li impurtaw fl-2006.

(7) Biex jinkiseb l-aħjar użu tal-kwantitajiet, operatur li uża ta' l-inqas nofs l-ammont diġà awtorizzat għandu jitħalla japplikka għal ammont ieħor, sakemm il-kwantitajiet ikunu disponibbli fil-kwoti.

(8) Għall-fini ta' amministrazzjoni soda, l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal disa' xhur mid-data li jinħarġu iżda sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-liċenzji biss wara li jkunu notifikati mill-Kummissjoni li l-kwantitajiet huma disponibbli u biss jekk l-operatur jista' jipprova l-eżistenza ta' kuntratt u jista' jiċċertifika, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika li tgħid il-kuntrarju, li hu għadu ma ġiex allokat awtorizzazzjoni ta' importazzjoni tal-Komunità taħt dan ir-Regolament għall-kategoriji u pajjiżi kkonċernati. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandhom, madankollu jkunu awtorizzati, bi tweġiba għall-applikazzjonijiet ta' l-importaturi, jestendu bi tliet xhur u sal-31 ta' Marzu 2008, liċenzji li minnhom ta' l-anqas nofshom ikunu ntużaw sad-data ta' l-applikazzjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessuti stabbilit mill-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistipula r-regoli tal-ġestjoni ta' kwoti kwantitattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tessili stabbiliti fl-Anness III B u IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 għas-sena 2007.

Artikolu 2

Il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu allokati kronoloġikament skond meta l-Kummissjoni tkun irċeviet in-notifikazzjonijiet mill-Istati Membri ta' l-applikazzjonijiet minn operaturi individwali, għal ammonti li ma jaqbżux il-kwantità massima għal kull operatur kif imniżżel fl-Anness I.

[1] ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 931/2005 (ĠU L 162, 23.6.2005, p. 37).

[2] ĠU L 328, 15.12.2005, p. 27.

Il-kwantitajiet massimi m'għandhomx, madankollu, japplikaw għal operaturi li jkunu kapaċi jagħtu prova lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta jagħmlu l-ewwel applikazzjoni tagħhom għall-2007, li, fir-rigward ta' kategoriji partikolari u pajjiżi terzi partikolari, importaw aktar mill-kwantitajiet massimi speċifikati għal kull kategorija skond il-liċenzji ta' importazzjoni mogħtija lilhom għall-2006.

Fil-każ ta' operaturi bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw importazzjonijiet ta' mhux aktar mill-kwantitajiet importati fl-2006 minn pajjiżi terzi partikolari u f'kategoriji partikolari, sakemm ikun hemm biżżejjed kapaċità ta' kwota disponibbli.

Artikolu 3

Kwalunkwe importatur li diġà uża 50 % jew aktar mill-ammont allokat għalih skond dan ir-Regolament jista' jagħmel applikazzjoni oħra, fil-konfront ta' l-istess kategorija u pajjiż ta' oriġini, għal ammonti li ma jaqbżux il-massimu tal-kwantitajiet stipulati fl-Anness I.

Artikolu 4

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti elenkati fl-Anness II jistgħu, mill-10.00 ta' fil-għodu ta' l-4 ta' Jannar 2007, javżaw lill-Kummissjoni bl-ammonti koperti mit-talbiet ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni.

Iż-żmien stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu għandu jiġi mifhum bħala l-ħin ta' Brussell.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet biss wara li jkunu notifikati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 li l-kwantitajiet huma disponibbli għall-importazzjoni.

Huma għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet biss jekk operatur:

(a) jgħati provi ta' l-eżistenza ta' kuntratt li għandu x'jaqsam malforniment ta' l-oġġetti u,

(b) jiċċertifika bil-miktub li, fil-konfront tal-kategoriji u tal-pajjiżi kkonċernati:

(i) ma ġiex allokat diġà awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament, jew

(ii) ġie allokat awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament iżda uża ta' l-anqas 50 % minnu.

3. Awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal disa' xhur mid-data tal-ħruġ, iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007.

L-awtoritjiet nazzjonali kompetenti jistgħu madankollu fuq talba ta' l-importatur jagħtu estensjoni ta' tliet xhur għall-awtorizzazzjonijiet li jkunu ta' l-inqas 50 % użati fil-ħin tat-talba. Estensjoni bħal din ma għandha qatt tiskadi aktar tard mill-31 ta' Marzu 2008.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament ser jorbot fl-intier tiegħu u ser japplika direttamentfl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Ammonti massimi msemmija fl-Artikoli 2 u 3

Pajjiż ikkonċernat	Kategorija	Unità	Ammont massimu
Il-Korea ta' Fuq	1	Kilogrammi	10 000
	2	Kilogrammi	10 000
	3	Kilogrammi	10 000
	4	Biċċiet	10 000
	5	Biċċiet	10 000
	6	Biċċiet	10 000
	7	Biċċiet	10 000
	8	Biċċiet	10 000
	9	Kilogrammi	10 000
	12	Pari	10 000
	13	Biċċiet	10 000
	14	Biċċiet	10 000
	15	Biċċiet	10 000
	16	Biċċiet	10 000
	17	Biċċiet	10 000
	18	Kilogrammi	10 000
	19	Biċċiet	10 000
	20	Kilogrammi	10 000
	21	Biċċiet	10 000
	24	Biċċiet	10 000
	26	Biċċiet	10 000
	27	Biċċiet	10 000
	28	Biċċiet	10 000
	29	Biċċiet	10 000
	31	Biċċiet	10 000
	36	Kilogrammi	10 000
	37	Kilogrammi	10 000
	39	Kilogrammi	10 000
	59	Kilogrammi	10 000
	61	Kilogrammi	10 000
	68	Kilogrammi	10 000
	69	Biċċiet	10 000
	70	Biċċiet	10 000
	73	Biċċiet	10 000
	74	Biċċiet	10 000
	75	Biċċiet	10 000
	76	Kilogrammi	10 000
	77	Kilogrammi	5 000
	78	Kilogrammi	5 000
	83	Kilogrammi	10 000
	87	Kilogrammi	10 000
	109	Kilogrammi	10 000
	117	Kilogrammi	10 000
	118	Kilogrammi	10 000
	142	Kilogrammi	10 000
	151A	Kilogrammi	10 000
	151B	Kilogrammi	10 000
	161	Kilogrammi	10 000

Pajjiż ikkonċernat	Kategorija	Unità	Ammont massimu
Ir-Repubblika tal-Montenegro, il-Kosovo (1)	1	Kilogrammi	20 000
	2	Kilogrammi	20 000
	2a	Kilogrammi	10 000
	3	Kilogrammi	10 000
	5	Biċċiet	10 000
	6	Biċċiet	10 000
	7	Biċċiet	10 000
	8	Biċċiet	10 000
	9	Kilogrammi	10 000
	15	Biċċiet	10 000
	16	Biċċiet	10 000
	67	Kilogrammi	10 000

(1) Kif iddefinit fir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

ANNESS II

Lista ta' uffiċċji tal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 4

1. **L-Awstrija** Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit Außenwirtschaftsadministration Abteilung C2/2 Stubenring 1 A-1011 Wien Tel. (43-1) 711 00-0 Fax (43-1) 711 00-8386	2. **Il-Belġju** FOD Economie, KMO, Middenstand en Energie Economisch Potentieel KBO-Beheerscel — Vergunningen Leuvenseweg 44 B-1000 Brussel Tel. (32-2) 548 64 69 Fax (32-2) 548 65 70	SPF économie, PME, classes moyennes et énergie Potentiel économique Cellule de gestion BCE — Licences Rue de Louvain 44 B-1000 Bruxelles Tel. (32-2) 548 64 69 Fax (32-2) 548 65 70
3. **Il-Bulgarija** Министерство на икономиката и енергетиката Дирекция "Регистриране, лицензиране и контрол" ул. "Славянска" № 8 1052 София Република България Tel. (359) 29 40 7008 / (359) 29 40 7673 / (359) 29 40 7800 Fax (359) 29 81 5041 / (359) 29 80 4710 / (359) 29 88 3654	4. **Ċipru** Ministry of Commerce, Industry and Tourism Trade Department 6 Andrea Araouzou Str. 1421 Nicosia Tel. (357-2) 86 71 00 Fax (357-2) 37 51 20	
5. **Ir-Repubblika Ċeka** Ministerstvo průmyslu a obchodu Licenční správa Na Františku 32 110 15 Praha 1 Tel. (420) 224 90 71 11 Fax (420) 224 21 21 33	6. **Id-Danimarka** Erhvervs- og Byggestyrelsen Økonomi- og Erhvervsministeriet Vejlsøvej 29 DK-8600 Silkeborg Tel. (45) 35 46 64 30 Fax (45) 35 46 64 01	
7. **L-Estonja** Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium Harju 11 15072 Tallinn Tel. (372) 625 64 00 Fax (372) 631 36 60	8. **Il-Finlandja** Tullihallitus Erottajankatu 2 FIN-00101 Helsinki Tel. (358) 9 61 41 Fax (358) 20 492 28 52	
9. **Franza** Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie Direction générale de l'industrie, des technologies de l'information et des postes Service des industries manufacturières (SIM) Mission Textile-Importations Le Bervil 12, rue Villiot F-75572 Paris Cedex 12 Tel. (33-1) 44 87 17 17 Fax (33-1) 53 44 91 81	10. **Il-Ġermanja** Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA) Frankfurter Str. 29-35 D-65760 Eschborn Tel. (49-61) 969 08-0 Fax (49-61) 969 42 26	

11. **Il-Greċja**

Υπουργείο Οικονομίας & Οικονομικών
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Tel. (30-210) 328 60 21-22
Fax (30-210) 328 60 94

12. **L-Ungerija**

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
H-1024 Budapest
Margit krt. 85.
Postafiók: 1537 Budapest Pf. 345.
Tel. (36-1) 336 73 00
Fax (36-1) 336 73 02

13. **L-Irlanda**

Department of Enterprise, Trade and Employment
Internal Market
Kildare Street
IRL-Dublin 2
Tel. (353-1) 631 21 21
Fax (353-1) 631 28 26

14. **L-Italja**

Ministero del Commercio con l'estero
Direzione generale per la politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
DIV. III
Viale America, 341
I-00144 Roma
Tel. (39-6) 59 64 75 17, 59 93 2202/2215
Fax (39-6) 59 93 2235/2263
Telex (39-6) 59 64 75 31

15. **Il-Latvja**

Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
LV-1519 Rīga
Tel. (371) 701 30 06
Fax (371) 728 08 82

16. **Il-Litwanja**

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Gedimino pr. 38/2
LT-01104 Vilnius
Tel. (370) 5 262 87 50 / (370) 5 261 94 88
Fax (370) 5 262 39 74

17. **Il-Lussemburgu**

Ministère des affaires étrangères
Office des licences
Boîte postale 113
L-2011 Luxembourg
Tel. (352) 478 23 71
Fax (352) 46 61 38

18. **Malta**

Ministry for Competitiveness and Communication
Commerce Division, Trade Services Directorate Lascaris
Valletta CMR02 Malta
Tel. (356) 21 23 71 12
Fax (356) 21 23 79 00

19. **L-Olanda**

Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in- en uitvoer
Engelse Kamp 2
Postbus 30003
NL-9700 RD Groningen
Tel. (31-50) 523 91 11
Fax (31-50) 523 22 10

20. **Il-Polonja**

Ministerstwo Gospodarki
Pl. Trzech Krzyży 3/5
00-950 Warszawa
Tel. 0048/22/693 55 53
Fax 0048/22/693 40 21

21. **Il-Portugall**

Ministério das Finanças
Direcção-Geral das Alfândegas e dos Impostos Especiais sobre o Consumo
Rua Terreiro do Trigo
Edifício da Alfândega
PT-1149-060 LISBOA
Tel. (351-1) 218 81 42 63
Fax (351-1) 218 81 42 61
E-mail: dsl@dgaiec.min-financas.pt

22. **Ir-Rumanija**

Ministerul Economiei şi Comerţului
Direcţia Generală Politici Comerciale
Str. Ion Câmpineanu nr. 16
Bucureşti, Sector 1
Cod poştal 010036
Tel. (40) 21 315 00 81
Fax (40) 21 315 04 54
E-mail: clc@dce.gov.ro

23. **Is-Slovakkja** Ministerstvo hospodárstva SR Oddelenie licencií Mierová 19 827 15 Bratislava Slovenská republika Tel. (421-2) 48 54 20 21/ (421-2) 48 54 71 19 Fax (421-2) 43 42 39 19	24. **Is-Slovenja** Ministrstvo za finance Carinska uprava Republike Slovenije Carinski urad Jesenice Center za TARIC in kvote Spodnji Plavž 6c SI-4270 Jesenice Tel. (386-4) 297 44 70 Fax (386-4) 297 44 72 E-mail: taric.cuje@gov.si
25. **Spanja** Ministerio de Industria, Turismo y Comercio Secretaría General de Comercio Exterior Paseo de la Castellana 162 E-28046 Madrid Tel. (34-91) 349 38 17, 349 37 48 Fax (34-91) 563 18 23, 349 38 31	26. **L-Iżvezja** National Board of Trade (Kommerskollegium) Box 6803 S-113 86 Stockholm Tel. (46-8) 690 48 00 Fax (46-8) 30 67 59
27. **Ir-Renju Unit** Department of Trade and Industry Import Licensing Branch Queensway House West Precinct Billingham UK TS23 2NF Tel. (44-1642) 36 43 33, 36 43 34 Fax (44-1642) 53 35 57	